31999D0541

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-26 ta' Lulju 1999

dwar l-importazzjoni ta' nagħaġ u mogħoż mill-Bulgarija u li temenda d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/232/KE

(notifikata taħt dokument numru C(1999) 2433)

(Test b'relevanza għall-Ftehim ŻEE)

(1999/541/KE)

Il-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 72/462/KEE tat-12 ta' Diċembru 1972 dwar is-saħħa u l-problemi ta' spezzjonijiet veterinarji ma' l-importazzjoni ta' annimali bovini, ovini u kaprini u majjali, prodotti tal-laħam minn pajjiżi terzi ([1]), kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 97/79/KEE ([2]), u b'mod partikolari l-Artikoli 3, 6 u 7 tagħha,

(1) Billi d-Direttiva tal-Kunsill 91/68/KEE ([3]), kif l-aħħar emendata bl-Att ta' Adeżjoni ta' l-Awstrija, il-Finlandja u l-Isvezja, tistipula l-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitarju fl-annimali ovini u kaprini;

(2) Billi d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/198/KEE ([4]), kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni 97/231/KE ([5]), tistipula l-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali u ċ-ċertifikazzjoni veterinarja għall-importazzjoni ta' annimali ovini u kaprini domestiċi;

(3) Billi d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/232/KE ([6]) tħejji lista ta' pajjiżi terzi li minnhom l-Istati Membri jawtorizzaw importazzjonijiet ta' nagħaġ u mogħoż;

(4) Billi dawn il-listi jistgħu jiġu emendati f'kull żmien biex ikunu jagħtu kont ta' xi tagħrif ġdid jew sitwazzjonijiet ġodda;

(5) Billi, wara missjoni reċenti veterinarja tal-Komunità, jidher li s-servizzi veterinarji tal-Bulgarija jikkontrollaw b'mod sodisfaċenti l-pajjiż kollu;

(6) Billi ebda każi ta' ġidri tan-nagħaġ ma ġew rekordjati fil-Bulgarija minn Settembru 1996;

(7) Billi l-pajjiż ilu ħieles mill-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer għall-aħħar sentejn;

(8) Billi huwa possibbli li tiġi awtorizzata l-importazzjoni ta' annimali domestiċi ovini u kaprini għall-qatla minnufih mingħajr ir-riskju li jinxtered dan il-mard;

(9) Billi huwa meqjus meħtieġ li jinżammu r-restrizzjonijiet fuq l-importazzjoni ta' annimali ovini u kaprini ħajjin f'żona wiesgħa ta' għoxrin kilometru matul il-fruntiera tat-Turkija;

(10) Billi d-Deċiżjoni Nru 97/232/EC għandha tiġi hekk emendata;

(11) Billi l-miżuri li għalihom tipprovdi din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti Veterinarju,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni mill-Bulgarija ta' annimali domestiċi ovini u kaprini għall-qatla minnufih.

Artikolu 2

L-Anness li jinsab mad-Deċiżjoni 97/232/EC huwa emendat kif ġej:

"Fit-taqsima 2 il-kliem 'bla ħsara għas-sospensjoni temporanja ta' l-approvazzjoni minħabba s-sitwazzjoni tas-saħħa ta' l-annimali' għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem eskluża ż-żona wiesgħa 20 kilometru tal-provinċji ta' Bourgas, Jambol, Sliven, Starazagora, Hasskovo u Kardjali matul il-fruntiera mat-Turkija.

L-annimali deskritti fiċ-ċertifikat meħtieġ skond id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/198/KEE għandhom ikunu suġġetti għal:

— kwarantina ta' qabel l-esportazzjoni ta' 14-il jum f'postijiet uffiċjalment approvati mill-awtoritajiet ċentrali kompetenti tal-pajjiż esportatur u li huma taħt il-kontroll ta' uffiċjal veterinarju u sorveljati b'dak il-mod li kuntatt dirett jew indirett bejn l-annimali li għandhom jiġu esportati u annimali bid-difer maqsum għandu jiġi evitat u

([1]) ĠU L 302, tal-31.12.1972, p. 28.
([2]) ĠU L 24, tat-30.1.1998, p. 31.
([3]) ĠU L 46, tad-19.2.1991, p. 19.
([4]) ĠU L 86, tas-6.4.1993, p. 34.
([5]) ĠU L 93, tat-8.4.1997, p. 22.
([6]) ĠU L 93, tat-8.4.1997, p. 43.

— jkunu suġġetti għal test seroloġiku għall-antibodis tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer b'riżultat negattiv, li għandu jitwettaq mhux qabel tmint ijiem wara d-dħul f'iżolament."

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, fis-26 ta' Lulju 1999.

Għall-Kummissjoni
Franz FISCHLER
Membru tal-Kummissjoni